MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Numru 488/2000

Il- Pulizija
(Spettur Louise Calleja)

-vs-

Christopher Ellul

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Christopher Ellul ta' 37 sena, iben Emmanuel u Mary nee' Naudi, imwieled Sliema fis- 16 ta' Gunju 1968, residenti fil-Facilita' Korretiva ta' Kordin jew 240, St. Ursula Street, Valletta u detentur tal- karta ta' l- identita' bin- numru 280668(M).

Akkuzat talli fit- 18 ta' Jannar 2000 fiz- Zejtun f' xi hin filghaxija uza vjolenza sabiex iggieghel lil *omissis* taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli tghamel xi haga u dan bi ksur tal- Artikou 251 (1) tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il- ligi ta' l- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *omissis* u dan sabiex bhala mara tigi mgieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l- misthija tas- sess taghha u dan bi ksur tal- Artikoli 86 u 87 – 1 (g) tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil- perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospiza moghtija mill- Qrati Lokali diversament preseduti u datati 25/05/1998, 01/06/1998, u 08/10/1999 rispettivament.

Rat in- nota ta' l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li fis- seduta tal- 11 ta' Mejju 2006 l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontih u tenna wara li l- Qorti fissritlu xi tfisser tali ammissjoni.

Issib lil akkuzat hati stante ammissjoni.

Rat l- artikoli 251(1), 86, 87(1)(g) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li l- akkuzat ikkometta reat li ghalieh hemm piena ta' prigunerija fil- perjodu operattiv tat- tlett sentenzi msemmija fl- akkuza – artikou 28C ta' l- istess Kap.

Semghet ix- xhieda bil- gurament tat- tabib Dottor Charles Cassar li fisser kif it- trobbija ta' l- akkuzat wasslitu ghall- kommissjoni ta' dan ir- reat u li l- akkuzat issa qed jirkupra sewwa basta jibqa' jigi akkurat. Ghalhekk

il- Qorti ser tapplika l- artikolu 21 tal- Kap 9 biex l- akkuzat ifieq.

Tikkundannah tlettax (13) il- xahar prigunerija b’ dan li l- imsemmi Dottor Charles Cassar ghandu jkompli jara, ikellem u jaghmel dak li hu mehtieg ghall- fejqan ta’ l- akkuzat u ghalhekk din is- sentenza qed tintbghat lid- Direttur tal- Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u qed tqieghed lill- akkuzat taht probation ghall tlett (3) sinin ghall- gid tieghu u biex ikollu minn jiehu hsiebu u ghalhekk kopja ta’ din is- sentenza ghandha tintbghat lid- Direttur tal- Probation biex jiehu l- passi mehtiega.

Il- Qorti tordna li l- isem tal- vittma ma jigi ppublikat fuq l- ebda sura ta’ Medja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------